Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa b' Urġenza Reġjun Port - Nu 30/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: ~~2024~~ 6 ta' Frar 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Online
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur Chris Raggio	Segretarju Eżekuttiv	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti

30. 1 Ittri ta' Apoloġija

30.1.1 Il-President semma li s-Sur Abela Galea u s-Sur Zammit talbu li jkunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat qabel li għandhom jitniżlu skużati.

30.2 Mozzjoni – Fondazzjoni Belt Kulturali Ewropea

30.2.1 Bdiet diskussjoni bejn dawk kollha preżenti fuq l-formazzjoni tal-istatut sabiex tkun iffurmata l-Fondazzjoni li ser tkun qed tiprepara l-Bid Book għall-Belt Kulturali Ewropea 2031. Il-President semma li ħass li kellu jsejjaħ din il-laqgħa minħabba li kien qed jiġi mressaq bdil fuq l-istatut li kien diġa maqbul u wasal għall-iffirmar. Il-President spjega li huwa ma jħossux komdu bl-emendi proposti mill-Kunsill Lokali Birgu wara li kkonsultaw anki mal-Amministraturi li kienu intgħażlu miż-żewġ partijiet.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

30.2.2 Il-President spjega li huwa kkonċernat li qed jiġu eskluži mill-istatut is-Segretarji Eżekuttivi (ex-uffiċju). Dan iffisser li:

- Ir-Reġjun mhux ser ikun rappreżentat

- Dan imur kontra d-direzzjoni li ngħatat fl-ewwel draft ta' statut li għadda mingħand l-uffiċju tal-ex Segretarju Permanenti

30.2.3 Is-Sur John Boxall spjega fid-dettal id-diskussjonijiet li hu u l-Kunsill Lokali kellu kemm mal-Amministraturi tal-Fondazzjoni, kemm mal-Ministru kif ukoll mal-VCA.

30.2.4 Wara diskussjoni bejn dawk kollha preżenti fuq l-introduzzjoni tal-President u s-Sindku tal-Birgu, il-President talab li l-mozzjoni ma titressaqx għal aktar diskussjoni.

30.2.5 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Boxall u approva minn dawk kollha preżenti, il-mozzjoni ġiet irtirata u l-laqgħa intemmet.

Paul Farrugia

President Reġjun Port

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv